MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Appell Civili - Ghawdex Numru. 3/2001/2

**Joseph u Mary Ann konjugi Attard**

**vs**

**Emanuel Cini**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Ottubru, 2007, il-Bord li Jirregola l-Kera (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Bord,
>
> **Talba ta' inkwilin sabiex rikors ghar-ripreza tal-pussess ta' fond li kellu ezitu favorevoli ghas-sid, jinstema' mill-gdid – Artikolu 42 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69) – Dikjarazzjoni Falza.**

Ra r-rikors prezentat mir-rikorrenti konjugi Attard fit-3 ta' April 2001 li permezz tieghu qeghdin jitolbu li jinstema' mill-gdid ir-rikors fl-ismijiet **Eucharistico Cini vs Mario Grech nomine** (Rikors numru 3/1994) deciz minn dan il-Bord diversament presjedut fil-25 ta' Frar 1997 u liema sentenza giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell permezz ta' sentenza tas-7 ta' Mejju 1998. Ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq il-premess li saret dikjrazzjoni falza mill-intimat u missieru Eucharistico Cini, illum mejjet, fil-kors tax-xhieda li taw f'dawk il-proceduri. It-talba ghar-ritrattazzjoni hi bazata fuq l-Artikolu 42 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jippremettu li d-dikjarazzjoni falza saret in kwantu fil-proceduri fuq imsemmija gie dikjarat li l-intimat odjern kien ser jizzewweg u ried imur ighix fit-terran bla numru li jinsab fi Qbajjar Road, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex meritu ta' dawk il-proceduri. Ir-rikorrenti qalu wkoll li ghalkemm l-intimat izzewweg u l-kaz kellu ezitu favorevoli ghalih, hu baqa' ma marx ighix fih u *"sa minn meta zzewweg fis-7 ta' Awwissu 1999, il-hawn ir-residenza ordinarja tieghu kien f'appartament internament marat numru erbgha (4), formanti parti minn korp ta' bini maghruf bl-isem Citadel Court, fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex, proprjeta' tal-istess intimat"*.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li s-sentenza moghtija mill-Bord fil-25 ta' Frar 1997 fl-ismijiet **Eucharistico Cini vs Mario Grech nomine** (Rikors numru 3/1994) tigi mhassra u ordnata r-ritrattazzjoni tal-istess rikors fuq il-motiv ta' qerq uzat bid-dikjarazzjoni falza li ghamlu l-intimat u missieru, u tichad it-talba li kien ghamel ir-rikorrent f'dik il-kawza.

Min-naha tieghu l-intimat ikkontesta t-talba tar-rikorrenti u eccepixxa (fol. 14) li:-

1. Preliminarjament m’huwiex il-legittimu kontradittur. Eccezzjoni li giet deciza b’sentenza parzjali moghtija mill-Bord fit-30 ta’ Lulju 2003 (fol. 80).
2. M’hemmx lok ghal ritrattazzjoni peress li m’huwiex minnu li s-sentenza li nghatat mill-Bord fil-25 ta’ Frar 1997 kienet rizultat ta’ qerq jew dikjarazzjoni falza. Wara l-mewt ta’ Eucharistic Cini (10 ta’ Gunju 1997) kien sar ftehim bejn uliedu u ommhom (Modesta Cini) li t-tfal jiehdu n-negozju qabel gestit minn missierhom fil-kumpannija Caruana and Cini Limited u l-armla tiehu l-proprjeta’ immobbli.

Ra r-risposta ulterjuri prezentata fil-15 ta’ Jannar 2003 (fol. 41) l-intimat eccepixxa li:

1. M’hijiex konsentita r-ritrattazzjoni in kwantu l-kaz kien jaqa’ taht l-Artikolu 11 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta’ Malta li jidderoga mid-disposizzjonijiet generali tal-artiklu 42 tal-istess Kap u liema provvediment jirrestringi r-rimedju ghal wiehed ta’ hlas ta’ multa.
2. L-azzjoni hi milquta mill-perjodu ta’ tlett xhur moghtija skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Din l-eccezzjoni giet determinata defenittivament b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Lulju 2004 (fol. 142).
3. M’huwiex ammissibbli li ssir ritrattazzjoni sena u tmien xhur wara li zzewweg l-intimat. Id-dekors tat-terminu tant hu twil minghajr ittiehdu xi passi min-naha tar-rikorrenti u ghalhekk kien hemm akkwijexxenza ghas-sentenza li qeghdin jimpunjaw permezz ta’ dawn il-proceduri.

Ra r-risposta ulterjuri prezentata fit-2 ta’ Frar 2005 (fol. 160) l-intimat eccepixxa li r-ritrattazzjoni odjerna hi nulla ghaliex ma saritx quddiem il-Qorti li ddecidiet b’mod finali u defenittiv ir-rikors numru 3/1994 li tieghu qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni. Eccezzjoni li giet michuda permezz ta’ sentenza

parzjali li nghatat mill-Bord fit-30 ta' Mejju 2006 (fol. 177).

Semgha il-provi li ressqu l-kontendenti.

Ra l-atti tar-rikors u dawk tar-rikors fl-ismijiet **Eucharistico Cini et vs Mario Grech nomine** (Rik. 3/1994) deciz mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Mejju 1998.

Semgha t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti rilevanti ghal kaz huma s-segwenti:-

(a) Il-fond jew terran minghajr numru fi Qbajjar Road, Marsalforn meritu tar-rikors numru 3/1994 fl-ismijiet **Eucharistico Cini vs Mario Grech nomine**, kien mikri ghand il-konjugi Attard versu kera ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) fis-sena pagabbli fl-1 ta' Awwissu.

(b) Fl-10 ta' Gunju 1994 Eucharistico Cini (missier l-intimat odjern) ipprezenta rikors quddiem dan il-Bord sabiex jitlob ir-ripreza tal-fond mikri lill-konjugi Attard. Il-kawzali kienu ghaliex ir-rikorrent kellu bzonn il-fond ghalih u membri tal-familja tieghu, u saret hafna hsara fil-post mill-inkwilin.

(c) Fil-mori tal-proceduri, l-intimat odjern (Emanuel Cini) akkwista l-proprjeta' tal-fond u d-drittijiet litigjuzi fuq l-istess minghand il-genituri tieghu (16 ta' Ottubru 1995 atti nutar Dr. Paul George Pisani).

(d) B'sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 1997, il-Bord laqgha t-talba tas-sid ghar-ripreza tal-pussess tal-fond minghand il-konjugi Attard.

(e) Permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fis-7 ta’ Mejju 1998 is-sentenza tal-Bord giet konfermata.
(f) Fit-28 ta’ Dicembru 1998 gie ppubblikat kuntratt ta’ donazzjoni min-nutar Dr. Enzo Dimech (fol. 197) li permezz tieghu l-intimat ta b’donazzjoni lill-ommu l-fond in kwistjoni.
(g) Fis-7 ta’ Awwissu 1999 izzewweg l-intimat Emanuel Cini. F’inqas minn sena dan iz-zwieg falla u fit-12 ta’ Dicembru 2002 saret il-firda personali permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Enzo Dimech.
(h) M’hemmx kontestazzjoni li fir-realta’ l-intimat qatt ma mar ighix fil-fond in kwistjoni.
(i) Fil-proceduri odjern r-rikorrenti qeghdin jitolbu ritrattazzjoni fuq il-kawzali li saret dikjarazzjoni falza min-naha tar-rikorrent (u missieru) in kwantu f’dawk il-proceduri kien qal li peress li kien ser jizzewweg ried il-fond sabiex imur ighix fih bhala residenza ordinarja tieghu, u sa minn meta zzewweg (7 ta’ Awwissu 1999) mar ighix band’ohra.

2. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni moghtija mill-intimat fir-risposta ulterjuri li pprezenta fil-15 ta’ Jannar 2003, minn qari tal-Artikolu 11[1] hu evidenti li dan il-provvediment qieghed sempliciment jipprovdi li f’kaz fejn il-Bord ikun ta permess lis-sid biex jiehu lura l-pussess tal-fond ghar-raguni kontemplata fl-Artikolu 9(b) tal-Kap. 69 [bzonn tal-fond ghall-uzu pesonali tieghu jew tal-familja] u wara jirrizulta li s-sid ikun qarraq jew wera haga b’ohra, ikun obbligat ihallas lill-inkwilin li jkun halla l-fond penali li ma teccedix is-somma ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) **minflok** id-danni. Fl-ebda parti tal-Artikolu 11 ma jinghad li l-penali hu l-uniku rimedju li ghandu l-inkwilin. Il-kazijiet kontemplati

[1] *“Fil-kaz li sid il-kera jiehu lura l-pussess tal-fond, taht id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 9(b) u jigi ppruvat li kien hemm wiri ta’ haga b’ohra jew qerq, sid il-kera jkun obbligat ihallas, lill-kerrej li jkun halla l-fond, minflok id-danni, penali ta’ mhux izjed minn mitejn lira li tigi stabbilita mill-Bord”.*

fl-Artikolu 11 (qerq jew li turi haga b'ohra)[2] huma iktar wesghin mill-Artikolu 42 li jittratta dikjarazzjoni falza li taghmel parti fil-kawza. Min-naha l-ohra l-Artikolu 42 tal-istess ligi jipprovdi li f'kaz ta' dikjarazzjoni falza maghmula minn parti li b'rizultat taghha wahda mill-partijiet tkun hadet decizjoni favorevoli, apparti d-dritt li tintalab ir-revoka tas-sentenza l-parti leza ghandha wkoll id-dritt ghall-hlas ta' danni u penali li ma jeccedux is-somma ta' mittejn lira Maltija (Lm200). It-talba ghall-hlas ta' danni u penali trid issir quddiem il-Qorti kompetenti. Pero' l-Artikolu 11 m'huwiex jeskludi d-dritt ta' l-inkwilin li jitlob ritrattazzjoni ghal dawk il-kazijiet li jaqghu taht l-Artikolu 9(b) tal-Kap. 69. Inoltre, minn qari ta' l-Artikolu 42 hu evident li jolqot il-kazijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 9 ta' din il-ligi specjali. L-Artikolu 42 hu wiehed generali u l-applikazzjoni tieghu m'hijiex limitata ghal xi whud biss mill-kazijiet li jissemmew fl-Artikolu 9 (ara wkoll f'dan ir-rigward sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Rosina Zerafa vs Giuseppina Zerafa et** deciza fit-30 ta' Jannar 1967[3]). Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

3. Dwar it-tielet eccezzjoni moghtija mill-intimat fir-risposta ulterjuri li pprezenta fil-15 ta' Jannar 2003, din ukoll hi minghajr bazi. L-argument tal-intimat qiesu li l-fatt li l-intimat izzewweg f'Awwissu 1999 u dan ir-rikors gie prezentat fit-3 ta' April 2001, ir-rikorrent tilfu d-dritt taghhom li jressqu talba ghal ritrattazzjoni skond l-Artikolu 42. Dan il-Bord ma jaqbel xejn ma' dan it-tip ta' ragunament in kwantu mhuwiex bazat fuq xi provvediment tal-ligi, u t-trapass taz-zmien ma jfissirx li r-rikorrenti jaqblu ma' dak li nghad fis-sentenza jew li rrinuzjaw ghad-dritt li jitolbu ritrattazzjoni. Din l-eccezzjoni ser tigi michuda wkoll.

---

[2] Ara wkoll dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet fejn ghamlu riferenza ghat-test Taljan ta' dan il-provvediment meta gie originarjament introdott bl-Att numru XXIII tal-1929 (fol. 101).

[3] Vol. L.i.44.

4. L-Artikolu 42 tal-Kap. 69 jaqra hekk:- *“Jekk jinsab li wahda mill-partijiet hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnha, il-parti kuntrarja tista’ taghmel talba lill-Bord ghas-smigh mill-gdid tar-rikors u tista’ wkoll tagixxi quddiem il-qorti kompetenti ghad-danni u ghall-hlas ta’ penali ta’ mhux izjed minn mitejn lira, kif tigi stabbilita mill-qorti”*.

Il-falsita’ ta’ provi giet deskritta fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Giuseppe Testaferrata Viani vs Luisa de Maria Cuschieri**[4] deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili: *“…Che la prova falsa, contemplate nello inciso 8vo. Dell’articolo 828 (illum Art. 811(j) delle Leggi sopraccitate, e’ la prova falsa nel senso della legge,* ***quella cioe’, che dolosamente presenta per vero cio’, che non e’ vero****, come nel caso di falsa testimonianza; e non qualunque errore di fatto, o di giudizio, in cui un testimonio, o un perito fosse incorso……”*. Interpretazzjoni li fil-fehma tal-Bord ghandha tapplika wkoll ghal finijiet ta’ interpretazzjoni tal-kliem *“dikjrazzjoni falza”* li hemm fl-Artikolu 42 tal-Kap. 69.

Ghal finijiet ta’ l-Artikolu 42 tal-Kap. 69, mhux bizzejjed li ssir dikjarazzjoni falza in kwantu jrid jirrizulta li **l-parti trid tkun hadet id-decizjoni favorevoli minhabba dik id-dikjarazzjoni falza**. Jista’ jaghti l-kaz li fil-kors tal-proceduri parti taghmel dikjarazzjoni falza, izda l-Bord ikun iddecida favur dik il-parti mhux minhabba d-dikjarazzjoni falza imma minhabba konsiderazzjonijiet ohra. Fil-fehma tal-Bord f’dawk ic-cirkostanzi l-parti telliefa ma jkollix id-dritt li titlob ir-revoka tas-sentenza taht l-Artikolu 42 tal-Kap. 69 in kwantu hu evidenti li d-dikjarazzjoni falza maghmula mill-parti trid tkun determinanti ghall-ezitu tal-kawza.

---

[4] Vol. IX.324.

5. Fil-kors tat-trattazzjoni, id-difensur tal-intimat ressaq l-argument fis-sens li t-talba tar-rikorrenti ghandha tfalli wkoll ghar-raguni li d-decizjoni tal-Bord ma kienetx biss fuq it-talba tas-sid ghar-ripreza minhabba l-bzonn ghall-uzu personali jew tal-familja (Artikolu 9(b) tal-Kap. 69), imma wkoll minhabba l-abbandun u l-hsara li saret fil-post mill-inkwilin (9(a) tal-Kap. 69). Hu minnu li meta wiehed jaqra r-rapport imhejji mill-perit Guido Vella (fol. 38) fl-atti tar-rikors numru 3/1994 jikkonferma kemm il-post ma kienx f'kundizzjoni tajba. Pero' minn qari kemm tas-sentenza tal-Bord (25 ta' Frar 1997) u dik tal-Qorti tal-Appell (7 ta' Mejju 1997) jirrizulta bl-iktar mod car li s-sentenzi ttrattaw biss il-kawzali bazata fuq l-Artikolu 9(b) tal-Kap. 69. Ghalhekk dan l-argument ma jregix.

6. Ix-xhieda li a bazi taghha r-rikorrenti qeghdin isostnu li saret dikjarazzjoni falza hi ta' Eucharist Cini u tal-intimat Emanuel Cini. Fl-atti tar-rikors numru 3/1994[5] kienu xehedu:-

- **Eucharist Cini**:- ikkonferma li ibnu kienu gharus lil certu Christine Vella u kellu l-hsieb li fil-futur qrib jizzewweg. Irrakkonta li *"iz-zewg uliedi Charlie u Emanuel ma kellhomx fejn joqghodu jekk jiddeciedu li jizzewgu jew imorru jghixu ghal rashom u kien principalment ghalhekk li jiena akkwistajt in-nofs indiviz ta' Anthony Caruana mill-postijiet ta' Triq il-Qbajjar, Marsalforn, bil-kuntratt li semmejt aktar kmieni ghaliex il-hsieb tieghi kien dejjem li naghtihom x'imkien fejn jabitaw"* (seduta tad-9 ta' Novembru 1995). Peress li wiehed mill-fond kien mikri lill-konjugi Attard u ma riedx jaghmel preferenza bejn uliedu, *"iddecidejna lkoll flimkien li jerfghu x-xorti bejniethom kif fil-fatt ghamlu fil-presenza tal-Avukat Dottor Anton Refalo. Wara li ttellghet ix-xorti Charles messu l-post battal filwaqt lil lil Emanuel messu t-terran il-mikri….."*. Peress li kien marad kienu pposponew

[5] Eucharistic Cini et vs Mario Grech nomine.

il-pubblikazzjoni tal-kuntratt u dan sar fis-16 ta' Ottubru 1995. Hlief ghal dawn iz-zewg postijiet, uliedu ma kellhomx fejn imorru jghixu.

- **<u>Emanuel Cini</u>**:- iddikjara li *"jiena nigi iben ir-rikorrent. Missieri ghandu zewg proprjetajiet, din u ohra. Ahna tellajnihom bix-xorti ma' hija u jiena messni dan il-fond mertu ta' din il-kawza. Jiena bi hsiebni nizzewweg u ma ghandix fejn noqghod jekk ma niehux dan il-fond. U dan il-fond irridu biex nirrangah u nabita fih"* u *"Bhalma diga' ghidt, ahna rridu dan il-fond lura sabiex jiena nkun nista' niehdu u nabita fih bhala residenza ordinarja tieghi"* (seduta tas-27 ta' April 1995). Imbaghad fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1995 rega' kkonferma x-xhieda li kien ta u zied li l-kuntratt kien ghadu ma sarx ghaliex missieru kien rikoverat l-Isptar.

7. Allegazzjoni ta' xhieda falza trid tigi pruvata mill-parti li taghmilha (f'dan il-kaz ir-rikorrenti). Ma tressqux xhieda li jmeru dak li xehedu l-intimat u missieru fl-atti tar-rikors numru 3/1994. Fi proceduri li jsiru mis-sid sabiex jirriprendi l-pussess tal-fond ghar-raguni moghtija fl-Artikolu 9(b) tal-Kap. 69, mhux bizzejjed li jkun irid u jixtieq li jiehu taht idejh il-fond mikri lit-terz izda jehtieg li juri li tassew ghandu dak il-bzonn. Il-piz tal-prova qieghed fuq is-sid li jehtieg li juri mhux biss illi hu qed jagixxi in *buona fede* imma wkoll in-necessita' li ghalkemm mhux assoluta kellha tkun indotta minn grad ragonevoli (ara per ezempju sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini vs Pawla Schembri** deciza fit-13 ta' Settembru 2007). Kemm il-Bord u l-Qorti tal-Appell kienu sodisfatti li dan il-bzonn gie pruvat minkejja li l-allegat bzonn gie kontestat mir-rikorrenti konjugi Attard. Fil-proceduri odjerni ma tressqu l-ebda provi differenti minn dawk li tressqu quddiem il-Bord ghajr ghal fatt li:-

(a) L-intimat baqa' ma marx ighix fil-fond meritu tal-kawza;
(b) Ft-28 ta' Dicembru 1998 l-intimat ta b'donazzjoni l-fond in kwistjoni lill-ommu flimkien ma' sehemu minn proprjeta' ohra. L-istess ghamel huh. In kontro-ezami l-intimat spjega li dan ghamlu flimkien ma' huh fuq talba ta' ommhom li kienet tant generuza maghhom meta saret il-qasma billi assenjatilhom kull interess li kellha fin-negozju u l-proprjeta' li giet assenjata lilha ma kellix valur ekwivalenti ghal dak tan-negozju.
(c) Fis-26 ta' Frar 1998 gie ppubblikat fl-atti tan-nutar Enzo Dimech, kuntratt ta' qasma bejn l-ahwa Cini u ommhom Modesta Cini. Fil-fehma tal-Bord dan il-kuntratt m'ghandu l-ebda rilevanza ghal finijiet ta' din il-kawza.

Mill-atti ma jirrizultax li tressqu xhieda li jmeru dak li kien xehed l-intimat (seduti tas-27 ta' April 1995 u 12 ta' Ottubru 1995) u missieru (seduta tad-9 ta' Novembru 1995). Dan il-Bord mill-fatt posterjuri wahdu li l-intimat ma marx jabita fil-fond wara li ha l-pussess lura tal-fond in segwitu ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Mejju 1998, ma jistax jasal ghal konkluzjoni li l-intimat u missieru kienu ghamlu dikjarazzjoni falza fix-xhieda fuq imsemmija. Il-Bord hu tal-fehma li l-falz irid jirrizulta fiz-zmien li nghataw id-deposizzjonijiet in kwantu m'huwiex eskluz li biz-zmien ic-cirkostanzi ta' persuni jistghu facilment jinbidlu. F'dak iz-zmien il-hsieb u x-xewqa tal-intimat kien li dan il-post ikun jista' juzah bhala residenza. Mill-provi lanqas ma rrizulta li fiz-zmien li nghatat ix-xhieda (sena 1995) l-intimat kellu xi proprjeta' ohra fejn jista' jmur ighix jew li kellu proprjeta' ohra f'ismu. Inoltre, meta l-proceduri kienu pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell ir-rikorrenti odjerni kienu pprezentaw diversi kuntratt ta' xiri li whud minnhom kien parti ghalihom l-intimat bhala kompratur. Pero' kif kien tajjeb irrileva l-intimat, f'dik il-proprjeta' kellu biss sehem indiviz. Ghalkemm fir-realta' l-intimat qatt ma mar ighix fil-

post in kwistjoni, b'daqshekk ma jfissirx li gideb meta qal li ried il-post sabiex ikollu post fejn ikun jista' jmur ighix. Jidher li r-rikorrenti jippretendu li l-fatt li l-intimat ma marx ighix fil-fond *de quo* hu fih innifsu prova li l-allegat bzonn kien biss wiehed fittizju. Meta xehed fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2007 (fol. 254-255) l-intimat spjega li meta ha lill-gharusa tieghu tara l-post ma laqathiex u ghalhekk bdew ifittxu band'ohra. Il-Bord kellu l-opportunita' li jisma' lill-intimat jixhed (seduti tat-18 ta' Mejju 2007 u tat-2 ta' Ottubru 2007) u jistqarr li bil-mod li rrisponda ghad-domandi u l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda jemmen li fiz-zmien rilevanti hu verament kien tal-fehma li l-fond kien mehtieg ghall-iskop ta' abitazzjoni ghalkemm sussegwentement l-affarijiet zviluppaw mod iehor u l-pjanijiet li kellu nbidlu. Waqt it-trattazzjoni d-difensur tar-rikorrenti argumenta li hu ferm konvenjenti ghall-intimat li jsostni li meta xehed kellu hsieb mod u wara li nqatghet il-kawza biddilha. Pero' kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jissostanzjaw l-allegazzjoni taghhom li l-intimat u/jew missieru ghamlu dikjarazzjoni falza. Min-naha taghhom ir-rikorrenti ressqu bhala xhud taghhom lil Christine Vella (seduta tas-16 ta' Jannar 2007 – fol. 230) u fl-ebda parti mid-deposizzjoni taghha ma tikkontradici dak li xehed l-intimat. Anzi din ikkonfermat li *"Mistoqsija dwar proprjeta' partikolari jigifieri appartament fi Triq il-Qbajjar nghid illi iva u niftakar dhalt fih wara li kien sar xi xoghol fih pero' dhalt dakinhar mar-ragel sempliciment biex nara"* (fol. 230). Dikjarazzjoni li skond il-Bord li ma tistax isservi biex tgiddeb lill-intimat. Inoltre, il-fatt li fit-28 ta' Dicembru 1998 l-intimat ta b'donazzjoni l-fond in kwistjoni lill-ommu, ma jfissirx b'daqshekk li tressqet xi prova konklussiva li turi li mhux veru li l-intimat ried il-post ghalih bhala residenza. Anke ghal dan l-intimat ta spjegazzjoni, *"In kwantu mbaghad ma ntuzax dan il-post u wara li rajt il-mama' kemm mxiet ta' mara maghna illi cediet sehemha fin-negozju, kemm jiena u kemm hija ddecidejna illi*

*dan il-post u xi proprjeta' ohra, dik tac-Cittadella nghadduha lura lill-mama"* (fol. 255). F'dan l-istess zmien (10 ta' Dicembru 1998 atti nutar Enzo Dimech – fol. 200) l-intimat xtara appartament fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex fejn mar ighix flimkien ma' martu hekk kif izzewweg. Mill-provi jirrizulta li l-gharusa tal-intimat kienet irrifjutat li tmur tghix fil-post ta' Marsalforn (dikjarazzjoni guramentata tal-intimat li ma giet bl-ebda mod kontradetta u ghalhekk m'hemm l-ebda raguni ghalfejn dan il-Bord m'ghandux jemminha). In kontro-ezami (seduta tat-2 ta' Ottubru 2007) il-konvenut ikkonferma li *"Il-post ta' Marsalforn mill-ewwel ma laqghathiex lil Christine, ghalhekk ahna hadna l-inizjattiva li nduru numru ta' postijiet. Ahna dorna f'irhula ohra f'Ghawdex pero' Christine bdiet turini li hi tixtieq tghix ir-Rabat, tkun vicin tal-mama"*. Wiehed jistenna li matul is-snin ic-cirkostanzi ta' persuna jistghu jinbidlu, u hekk jidher li gara f'dan il-kaz partikolari. B'daqshekk ma jfissirx li x-xhieda moghtija mill-intimat u missieru fl-atti tar-rikors numru 3/1994 kienet fabbrikata u intiza biss sabiex tikkonvinci lill-Bord fl-evalwazzjoni li kellu jaghmel ghal finijiet tal-element tal-bzonn min-naha tas-sid. Il-Bord jikkonkludi li r-rikorrenti naqsu milli jaghtu prova tal-allegazzjoni fil-grad rilevanti ta' certezza. Inoltre, l-Bord ma jistax jiehu in konsiderazzjoni argumenti li kienu diga' saru mir-rikorrenti konjugi Attard fil-kors tal-proceduri l-ohra (rikors numru 3/1994) fit-tentattiv taghhom biex jikkonvincu lill-Bord u lill-Qorti ta' l-Appell li fir-realta' s-sid ma kellux bzonn il-proprjeta' u li r-raguni li kien ressaq ma kienet xejn ghajr *messa in scena*. Argumenti li ma gewx milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-Bord qieghed jaqta' u jiddeciedi r-rikors billi:-

1. Jichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni sollevata mill-intimat fir-risposta ulterjuri li pprezenta fil-15 ta' Jannar 2003, spejjez kontra tieghu.

2. Jichad it-talba tar-rikorrenti ghas-smigh mill-gdid tar-rikors fl-ismijiet **Eucharistico Cini vs Mario Grech nomine** (Rikors numru 3/1994) skond l-Artikolu 42 tal-Kap. 69, in kwantu ma jirrizultax li l-intimat jew l-awtur tieghu ghamlu xi dikjarazzjoni falza f'dawk il-proceduri u li d-decizjoni favorevoli ghall-intimat nghatat b'xi dikjarazzjoni simili. Bl-ispejjez ghar-rikorrenti salv ghal dawk l-ispejjez li diga' gew determinati fil-kors ta' dawn il-proceduri.**"**

Minn din is-sentenza appellaw ir-rikorrenti li talbu l-modifika taghha in kwantu ghal fazi "*in rescindente*" tat-talba promotrici taghhom ghas-smigh mill-gdid tar-rikors fl-ismijiet "Eucharistico Cini -vs- Mario Grech *nomine*" determinat bis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-25 ta' Frar, 1997. Huma jissottomettu b'aggravju illi l-provi fil-meritu kienu jistabilixxu fic-car dik l-istrategija fina ta' falsita adoperata minn sid il-fond biex gab il-qaghda tixbah lis-sewwa, meta tali ma kienetx, u b'hekk jottjeni r-ripreza tal-fond lokat lilhom;

Dejjem permezz ta' dan l-istess appell taghhom ir-rikorrenti jilmentaw ukoll fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez, kemm riferibilment ghal dawk tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru, 2007, kif ukoll dawk koncernanti s-sentenzi parzjali tat-30 ta' Lulju 2003 u tat-30 ta' Mejju 2006;

Dikjaratament, minn kif impustat ir-rikors promotur quddiem il-Bord, l-oggett tat-talba ta' l-appellanti hu dak tendenti ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq indikati in kwantu bazata fuq id-dispost ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69, ossija dak ta' l-otteniment da parti ta' l-appellat ta' decizjoni favorevoli ghalih minhabba "<u>dikjarazzjoni falza</u>" maghmla minnu;

In tema purament ta’ dritt ma jidherx li jkun inopportun jekk il-Qorti tirrivizita certi principji sostanzjali ghall-ahjar apprezzament tal-kuncett guridiku insit fil-precitat artikolu tal-ligi:-

(1) Ibda biex, kif ritenut, il-kelma “falz”, fl-aktar sinjifikat estiz taghha, tindika kwalunkwe soppressjoni, mutazzjoni jew alterazzjoni tal-veru, ottenuti bi kwalsiasi mezz. Jezisti l-falz materjali u dak intellettwali jew idejali. Ta’ l-ahhar speci huma l-fatti jew dikjarazzjonijiet li ma jezistux jew ma jissussistux, jew li ma humiex konformi ghall-verita`. Ara “**Alfredo Mifsud -vs- Gaetano Azzopardi**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 10 ta’ Gunju, 1949;

(2) Jaggrava dejjem fuq min jallega l-prova illi fil-kawza l-ohra l-Bord ta decizjoni favorevoli ghall-appellat minhabba dik id-dikjarazzjoni falza. Ara “**Morris Agius -vs- George D’Emanuele**”, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 17 ta’ Novembru, 2000). Huwa ghandu jindividwa dawk il-fatti jew provi rakkolti mill-process l-iehor li minnhom apparentement tirrizulta dik id-dikjarazzjoni falza;

(3) Dan qed jigi sottolinejat ghaliex il-prova falza li, a sensu ta’ l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69, tikkonsenti l-proponibilita` ta’ l-impunjattiva bil-mezz tar-ritrattazzjoni, trid tigi kkonstatata f’dik tas-sentenza separata li ghaddiet in gudikat u li, inoltre, tali prova giet hekk utilizzata mill-gudikant fil-formazzjoni tal-gudizzju tieghu;

(4) Wisq ragonevolment, irid imbaghad jirrizulta li dik id-dikjarazzjoni falza, hekk maghmula f’dak il-process l-iehor, tkun tikkostitwixxi element essenzjali ta’ dik l-attivita` diretta biex tinganna lill-kontro-parti jew, almenu, li tippregudika d-difiza tieghu billi tohloq sitwazzjoni diversa minn dik li hi realment hi, u b’mod ukoll li timpedixxi lill-gudikant milli jkollu gharfien shih u korrett tal-verita processwali, bil-konsegwenza li jigi mfixkel l-ezitu u l-haqq tal-procediment;

(5) Rilevanti wkoll li jigi notat illi l-ipotesi tal-falsita tad-dikjarazzjoni skond id-disposizzjoni tal-ligi specjali tirrigwarda d-deposizzjoni tal-parti u mhux ukoll dik ta’ xhieda ohrajn jew ta’ xi attivita ohra, merament processwali. Ara “**Joseph Zammit -vs- Carmelo Dingli**”, Appell, 28 ta’ Dicembru, 2001 rikonfermata minn din il-Qorti, kif presjeduta, fid-decizjoni taghha ta’ l-14 ta’ Lulju, 2004 fl-istess kawza prezenti;

Affermati dawn l-aspetti ta’ dritt, ma jidherx li tezisti l-htiega li din il-Qorti toqghod tirriproduci l-fatti saljenti tal-vertenza, anke ghaliex dawn huma sew imtennija fis-sentenza appellata. Tillimita ruhha ghar-registrazzjoni illi f’dan il-kaz l-appellanti ppremettew illi d-deposizzjoni ta’ l-appellat ghandha titqies falza principalment ghaliex hu wera haga b’ohra lill-Bord fil-kawza ritrattata meta ddikjara li l-fond kellu bzonnu biex imur jabita fih wara li jizzewweg meta, *ex-post facto* is-sentenza vantaggjuza ghalih, dan baqa’ ma ghamlux;

Issa l-Bord, in bazi ghall-provi sottomessi lilu, deherlu li kellu jemmen lill-appellat f’dik il-versjoni tieghu ta’ kif issuccedew l-affarijiet konsegwenti ghal mewt ta’ missieru, il-fatt tad-divizjoni tan-negozju u ta’ l-assi immobiljari li kellu, kombacjat mal-fatt ukoll illi l-gharusa tieghu ma riedetx titbieghed, ghal dik li hi sistemazzjoni tal-fond matrimonjali, mid-dar tal-genituri taghha. Jigi osservat illi biex accetta l-verosimiljanza ta’ din il-versjoni l-Bord kellu l-opportunita li jezamina lill-appellat fil-pedana tax-xhieda u kien sodisfatt li hu bniedem sincier li haqqu jigi emnut. Dan johrog bl-aktar mod car u espress mill-qalba tas-sentenza appellata. Evidentement, huwa ma kienx tal-fehma illi l-asserzjonijiet maghmula mill-appellat fil-kawza l-ohra ritrattata kienu jirrapprezentaw xi distorsjoni intenzjonali tal-fatt tal-bzonn bl-isperanza li hu jottjeni decizjoni vantaggjuza minn dak il-Bord l-iehor. Pjuttost, irraguna, anke b’motivazzjoni sobrija, illi d-

deposizzjoni ta' l-appellat fil-kawza l-ohra, konfrontata mal-fatti sopravenjenti, la kienet sospetta u lanqas miftuha ghal dubbju serju. Certament, fil-*forma mentis* tieghu l-Bord kien assistit minn dik ta' l-osservazzjoni dedotta mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Rosina armla Zerafa -vs- Giuseppina Zerafa *et***", 30 ta' Jannar, 1967 u l-aktar f'dik il-parti taghha li tghid, "Izda l-Qorti minn dan biss u mill-fatt posterjuri ghad-decizjoni tal-Bord illi hi ma marretx tabita fil-post, ma jidhrilhiex li jista' jigi konkluz, fid-dawl sempliciment tal-provi akkwiziti fil-process, illi hi kienet responsabbli ta' dikjarazzjoni falza";

Dan premess, din il-Qorti ma jidhrilhiex, anke fuq il-valutazzjoni taghha tal-kaz illi l-prova li ressqu l-appellanti tista' twassal biex jigi konvincentement ragonat illi din kienet talment tissodisfa l-vot tal-ligi illi ghandha tqieghed fil-genb il-parti decizorja tas-sentenza appellata. Huwa veru li r-ritrattazzjoni hu dak il-mezz koncess biex jigu riparati zbalji verifikati fil-gudizzju fil-mertu u jista' jkun ukoll veru illi d-dikjarazzjoni maghmula mill-appellat fil-kawza ritrattata seta' kellha influwenza deciziva fuq il-formazzjoni tad-decizjoni. B'daqshekk, pero`, ma jfisserx ukoll illi dik l-istess dikjarazzjoni, meta saret, kienet necessarjament, jew bilfors, falza, fuq is-semplici ragunar *a posteriori* tal-fatti li ssuccedew wara dik id-decizjoni. L-aggravju fuq dan il-punt qieghed, ghaldaqstant, jitqies infondat;

Fil-kaz ta' l-ilment dwar il-kap ta' l-ispejjez l-appellanti jissottomettu dan li gej:-

(1) Riferibilment ghas-sentenza tat-30 ta' Lulju 2003, la l-Bord cahad l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellat, l-ispejjez ghandhom jigu akkollati lill-istess appellat;

(2) Dwar dawk tas-sentenza tat-30 ta' Mejju 2006 dawn ukoll messhom gew addossati fuq l-

appellat stante, bil-kontra ta’ dak ritenut mill-Bord, il-kwestjoni fiha determinata u hekk imqanqla minn eccezzjoni ohra ta’ l-appellat, ma kienetx tammonta ghal *noviter deductus* in kwantu l-gurisprudenza kienet diga wriet it-triq ghal dik li hi l-interpretazzjoni awtentika fuq il-punt;

(3) Kwantu ghall-ispejjez tas-sentenza appellata dawn messhom gew temprati in vista tac-cirkustanzi ta’ fatt illi kien jezisti suspett qawwi dwar id-dikjarazzjoni ta’ l-appellat fl-ewwel kawza tal-Bord;

Fuq punti (1) u (2) din il-Qorti hi ta’ l-opinjoni illi l-ispejjez relattivi ta’ dawk iz-zewg sentenzi ghandhom jigu karikati fuq l-appellat ghaliex ghal fini ta’ dawk id-decizjonijiet dak li gara kien dovut ghall-agir difensjonali ta’ l-appellat li gie dikjarat sokkombenti fihom. Relattivament ghall-punt (3), il-Qorti, filwaqt li tissimpatizza ma’ l-ilment sottomess, ma thossx li tista’ tilqghu. Dan anke ghaliex minn dak li rrizulta lill-Bord, u issa wkoll lil din il-Qorti, l-appellanti ma kellhomx ragun fl-assunt taghhom arginat fuq l-allegata dikjarazzjoni falza da parti ta’ l-appellat;

Qabel ma taghlaq il-Qorti trid tikkonsidra l-appell incidentali sottopost mill-appellat Emanuel Cini li permezz tieghu talab ir-revoka tas-sentenza parzjali tat-30 ta’ Mejju, 2006 bid-deduzzjoni illi l-procedura ta’ ritrattazzjoni kien messha giet intavola quddiem il-Qorti ta’ l-Appell ghax kienet din li l-ahhar ddefiniet il-vertenza bis-sahha tad-decizjoni taghha tas-7 ta’ Mejju, 1998;

Fuq il-punt din il-Qorti, kif presjeduta, diga` okkupat ruhha *funditus* fis-sentenza taghha tat-12 ta’ Jannar, 2005 in re: “**Peter Borg -vs- Emanuel Busuttil**” u fejn iddelinejat id-differenza bejn ir-rimedju generali tar-ritrattazzjoni ghal kazijiet kwalifikati mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-Artikolu 811 u dak

specjali dettat mill-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69. Din il-Qorti ma jidhrilhiex, lanqas issa, li ghandha tiddipartixxi mill-konsiderandi taghha fiha zvolti, u allura, qed taghmel semplici referenza ghal dik l-istess sentenza taghha, bl-applikazzjoni, ghal kaz prezenti, ta' dawk il-konsiderandi taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti fil-waqt li tirrespingi l-appell incidentali ta' l-intimat, tichad ukoll l-aggravju ta' l-appellanti fil-mertu b'dan li qed tilqa' l-ilment taghhom fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez. Dan limitatament pero` ghal dawk li huma l-ispejjez gudizzjarji tas-sentenzi tat-30 ta' Lulju, 2003 u tat-30 ta' Mejju, 2006 u mhux ukoll fil-kaz ta' dawk tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru, 2007 li minnha gie introdott dan l-appell. Salv ghall-premess, is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata bl-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mill-appellanti, hlief ghall-ispejjez ta' l-appell incidentali li jibqghu sopportabbli mill-intimat appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------